DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-għeluq tal-kontijet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2004

(2006/831/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 – C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar it-twaqqif ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0098/2006),

1. Jinnota l-figuri li ġejjin għall-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kont tad-dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Dħul		
Sussidju KE	28 658	28 723
Sovvenzjonijiet	1 998	1 080
Imgħax tal-Bank	128	89
Dħul totali (a)	**30 784**	**29 891**

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 13.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 37.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1641/2003 (ĠU L 245, 29.9.2005, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

(f'EUR 1 000)

	2004	2003
Nefqa		
Nefqa totali għat-Titolu 1		
Ħlasijiet	12 447	11 123
Ħlasijiet – Għotjiet	2	
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	435	315
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss — Għotjiet	66	
Nefqa totali għat-Titolu 2		
Ħlasijiet (1)	3 451	2 447
Appropjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	394	395
Nefqa totali għat-Titolu 3		
Ħlasijiet	9 534	5 997
Ħlasijiet – Għotjiet	14	
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss	4 845	7 008
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss – Għotjiet	2 419	
Nefqa totali (b)	**33 606**	**27 284**
Riżultat nett għas-sena (a – b)	**- 2 822**	**2 607**
Approprjazzjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss u kkanċellati	508	295
Rifużjonijiet trasferiti għall-baġit li jmiss u kkanċellati	0	36
Bilanċ trasferit għall-baġit li jmiss mis-sena ta' qabel	- 4 190	- 7 427
Għotjiet ikkanċellati	98	322
Differenzi tar-rata tal-kambju	3	- 4
Regolarizzazzjoni rigward is-snin ta' qabel	43	- 18
Bilanċ trasferit 'il quddiem	**- 6 360**	**- 4 190**

(1) Jinkludi 905 823 ewro f'taxxi fuq il-proprjetà imħallsa lill-gvern Daniż. L-Aġenzija hi ta' l-opinjoni li l-ammont għandu jkun rimborżat. Il-kwistjoni bħalissa qed tiġi nnegozjata mal-gvern Daniż.

NB: It-totali jistgħu jinkludu differenzi minħabba li kienu imqarrba lejn l-eqreb numru sħiħ.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-deċiżjoni lid-Direttur eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-*Segretarju Ġenerali*
Julian PRIESTLEY